**Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 5 ta' April, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 64/2014JVC**

**Ronald Azzopardi u Mariella Azzopardi**

**Vs**

**Francis Bonello**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew:-

I. ILLI l-intimat, flimkien mal-konjugi tieghu Victoria, illum mejta, kien silef xi flejjes lir-rikorrent Ronald Azzopardi matul is-snin 2001 u 2002, u dan ghal skopijiet diversi u bil-patt illi dawn il-flejjes jithallsu lura bl-interessi fuq perjodu ta' zmien;

II. ILLI nonostante l-fatt illi r-rikorrent Ronald Azzopardi kien ghamel diversi pagamenti akkont ta' dan id-debitu, u akkont ukoll ta' l-interessi kif gew mitluba mill-intimat, nhar is-26 ta' Gunju 2004 l-istess intimat ipprezenta u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 121/04, sabiex jikkawtelaw kreditu rapprezentanti **"ammont misluf brevi manu";**

III. Illi dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju gie pprezentat u ottjenut fil-konfront taz-zewg rikorrenti, kif ukoll fil-konfront tas-socjetajiet Rylex Holdings Limited (C26266), Fawstina Limited (C 32542), HD Holdings Limited (C 29720), u Dona Lola Company Limited (C 27820), li taghhom ir-rikorrent Ronald Azzopardi kien direttur, filwaqt illi s-sekwestratarji citati fl-imsemmi mandat kienu jikkonsistu fis-segwenti u cioe' Bank of Valletta plc, HSBC plc, Lombard Bank Limited, APS Bank Limited, O'Connor (Malta)

Limited (C 24316), Sovereign Hotels Limited (C 10538), Sovereign Caterers Limited (C 28364), Crown hotels Limited (C 22101) u San Pawl Leisure Limited;

IV. ILLI l-imsemmi mandat gie ottjenut mill-intimat b'mod mill-aktar abbuziv stante li huwa minn dejjem kien ben konxju tal-fatt illi kwalsiasi debitu li seta' kien ghadu dovut mir-rikorrent Ronald Azzopardi seta' kien dovut biss mill-istess rikorrent Ronald Azzopardi f'ismu proprju u mhux minn xi socjeta' kummercjali u dan stante l-fatt illi kwalsiasi flejjes li gew mislufa mill-intimat lir-rikorrent qatt ma gew mislufa lilu fil-kapacita' tieghu ta' diretur ta' xi wahda mis-socjetajiet kummercjali surriferiti;

V. ILLI, effetivament, l-imsemmi mandat kien dolozament intenzjonat mill-intimat sabiex igib mieghu stagnar mill-aktar assolut fil-maggiorparti tan-negozji gestiti mill-kumpaniji illi fihom ir-rikorrent Ronald Azzopardi huwa azzjonist, inkluz f'zewg lukandi, tant illi l-istess intimat talab il-hrug tal-mandat in kwistjoni nhar is-Sibt 26 ta' Gunju 2004, wara li fetah ir-Registru tal-Qorti t'Ghawdex fuq rikors appozitu, billi kien jaf (ghax kien fetah qalbu mieghu l-istess rikorrent Ronald Azzopardi) illi gurnata biss qabel – jigifieri l-Gimgha, 25 ta' Gunju 2004 – iz-zewg rikorrenti kienu ffirmaw kuntratt ta' self ma' HSBC Bank (Malta) p.l.c sabiex, *inter alia*, ir-rikorrent Ronald Azzopardi jkollu l-*working capital* tant mehtieg ghal wahda mil-lukandi;

VI. ILLI, fil-fatt, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju msemmi gab mieghu l-effetti doluzi ntizi mill-intimat, billi r-rikorrent Ronald Azzopardi ma setax jutilizza l-fondi ottenuti b'self minghand il-Bank;

VII. ILLI, f'dawn ic-cirkostanzi, ir-rikorrent Ronald Azzopardi gie mqieghed f'sitwazzjoni fejn kellu ta' bil-fors icedi ghall-agir abbuziv ta' l-intimat, billi jasal fi ftehim immedjat ma' l-istess intimat u, fuq kollox, skont ir-rieda unika tieghu u minghajr ebda opportunita' illi jaghmel verifika ta' l-ammonti pretizi dak iz-zmien mill-istess intimat;

VIII. ILLI r-rikorrent Ronald Azzopardi kien ghalhekk kostrett, minghajr ebda ghazla ohra, illi jiffirma zewg skritturi ta'

transazzjoni favur l-intimat nhar it-2 ta' Lulju 2004, u cioe' fil-perjodu meta l-imsemmi mandat kien ghadu in vigore;

IX. ILLI permezz ta' l-ewwel mill-imsemmija zewg skritturi ta' transazzjoni, kopja ta' liema qeghdha tigi hawn annessa u mmarkata bhala **DOK A**, ir-rikorrent Ronald Azzopardi kien ikkostitwixxa ruhu veru, cert, u likwidu debitur tal-intimat ghal somma rapprezentanti **"ammont misluf brevi manu";**

X. ILLI, bl-istess mod, permezz tat-tieni mill-imsemmija zewg skritturi ta' transazzjoni, kopja ta' liema qeghdha tigi hawn anness u mmarkata bhala **DOK B,** ir-rikorrent Ronald Azzopardi wkoll ikkostitwixxa ruhu veru, cert, u likwidu debitur tal-istess intimat rapprezentanti "**ammont misluf brevi u manu"**;

XI. ILLI, minhabba c-cirkostanzi li tpogga fihom ir-rikorrent Ronald Azzopardi, kif hawn fuq spjegat, huwa qatt ma kien lahaq ghamel il-kalkoli kollha kif suppost ta' l-ammonti realment dovuti lill-intimat qabel ma gew iffirmati z-zewg skritturi ta' transazzjoni hawn fuq imsemmija;

XII. ILLI, kif espressament stipulat fiz-zewg skritturi ta' transazzjoni ffirmati fit-2 ta' Lulju 2004, dak inhar stess li gew iffirmati l-istess skritturi, gie wkoll ipprezentat il-kontro-mandat opportun mill-intimat, u dan wara li sahansitra nfetah ir-registru tal-Qorti wara l-hinijiet legali sabiex dan seta' jigi pprezentat, u dan fid-dawl ta' l-istagnar assolut li kien jinstab fih in-negozju tar-rikorrent Ronald Azzopardi;

XIII. ILLI, permezz ta' sentenza fl-ismijiet *Ronald Azzopardi vs. Francis Bonello, Victoria mart Francis Bonello u ghal kull interess illi jista' jkollha Mariella Azzopardi*, citazzjoni numru 73/2005, li giet moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-3 ta' Marzu 2009, u li ma gietx appellata mill-intimat, gie dikjarat illi, fil-fatt, l-ammont imsemmi fit-tieni skrittura ta' transazzjoni ma kien qatt dovut mir-rikorrent lill-intimat, u ghalhekk, illum il-gurnata, din l-istess skrittura tilfet l-effett kollu taghha ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

**XIV.** ILLI, min-naha l-ohra, fil-kors tal-proceduri msemmija fl-ismijiet *Ronald Azzopardi vs. Francis Bonello, Victoria mart Francis Bonello* u ghal kull interess illi jista' jkollha Mariella Azzopardi, u fil-kors tal-proceduri ohrajn li ghadhom pendenti, fl-ismijiet *Francis Bonello et vs. Ronald Azzopardi et,* citazzjoni numru 655/2005, irrizulta car u manifest mill-provi prodotti, inkluz, izda mhux biss, mid-deposizzjoni tal-intimat stess, illi mhux talli li l-ammont meritu tal-ewwel skrittura huwa eccessiv u jikkomprendi fih somom kompletament foloz, **izda talli rrizulta wkoll illi l-istess imsemmi ammont jikkomprendi fih somom li m'humiex rizultat ta' self brevi manu, kif dikjarat fuq l-istess skrittura, izda somom pretizi mill-intimat ghal ragunijiet diversi, fosthom ghal servizzi rezi u spejjez inkorsi in konnessjoni ma' xoghlijiet li huwa allegatament ghamel fuq *farmhouses* fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tar-rikorrent;**

XV. ILLI, madanakollu, il-hsieb tar-rikorrent meta ffirma z-zewg skritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, inkluz, ghalhekk, l-ewwel skrittura meritu tar-rikors guramentat odjern, kien biss sabiex, minhabba l-pressjoni qawwija li kien jinstab tahtha kif inghad, tintlahaq transazzjoni fuq **"ammont misluf brevi manu",** u mhux fuq kwalsiasi pretensjonijiet ohrajn li seta' kellu l-intimat f'dak il-mument, u dan sahansitra kif jirrizulta car u manifest mill-istess skritturi;

XVI. ILLI, ghalhekk, il-kunsens tar-rikorrent fuq l-ewwel skrittura tat-2 ta' Lulju 2004 ma kienx jaqbel ma' dak tal-intimat, u dan billi filwaqt illi r-rikorrent ried illi tintlahaq transazzjoni fuq **"ammont misluf brevi manu"**, l-intimat ried illi tintlahaq transazzjoni **fuq oggetti ohrajn**, ossija fuq il-pretensjonijiet kollha li huwa kellu f'dak il-mument, inkluz kumpens ghal servizzi rezi u spejjez inkorsi minnu in konnessjoni max-xoghlijiet hawn fuq imsemmija, fost ohrajn;

XVII. ILLI, dan l-istat ta' fatt igib mieghu nullita' radikali, li tirrendi l-obbligazzjoni kompletament inezistenti, u konsegwentement l-ewwel skrittura ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004 kienet *ab initio* nulla u minghajr effett ghaliex hija nieqsa mill-element l-aktar essenzjali, ossija mill-kunsens tal-partijiet fuq l-oggett tal-ftehim (error in corpore);

XVIII. ILLI ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

I. Tiddikjara illi l-ewwel skrittura ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004 hija kolpita min-nullita' radikali, u konsegwentement kienet *ab inito* nulla u minghajr effett, ghaliex hija nieqsa mill-element l-aktar essenzjali, ossija mill-kunsens tal-partijiet fuq l-oggett tal-ftehim (*error in corpore*).

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata fejn Francis Bonello eccepixxa:

1. Illi l-fatti relevanti ghall-kawza odjerna huma mertu ta' diversi kawzi illi kienu gew intavolati mill-partijiet, uhud minnhom decizi finalment, filwaqt li ohrajn jinsabu pendenti quddiem Qrati ohra u dan kif jirrizulta mill-anness elenku mmarkat bhala Dok 'FB1'. Dawn il-kawzi jitrattaw l-istess materja u l-istess principji giuridici bejn l-istess partijiet ghall-kawza odjerna. Intant ikun opportun li wiehed jispjega dawn ic-cirkostanzi fil-qosor.

2. Illi nhar it-2 ta' Lulju, 2004 il-partijiet kienu ffirmaw zewg skritturi ta' transazzjoni permezz ta' liema il-partijiet riedu jirrisolvu diversi pendenzi bejn l-istess partijiet. Fit-transazzjoni gie dikjarat fost l-ohrajn illi l-konjugi Azzopardi (illum atturi) huma debituri tal-esponent fl-ammont hemm specifikati. Permezz tal-ewwel skrittura (li tinsab annessa mar-rikors promotur u hemm mmarkata Dok 'A'), li kienet giet iffirmata quddiem l-avukati tal-partijiet u li fil-fatt ghandha fuqha l-firem tal-istess avukati flimkien ma' dawk tal-partijiet, il-partijiet kienu ddikjaraw li l-konjugi Azzopardi huma debituri tal-esponent (flimkien ma' martu, illum mejta) fl-ammont ta' mitejn u ghoxrin elf lira Maltin (Lm220,000). Dan filwaqt illi fit-tieni skrittura tal-istess gurnata gie dikjarat illi l-attur Ronald Azzopardi huwa debitur tal-esponent fl-ammont ta' hamsa u sittin lira Maltin (Lm65,000).

3. Illi <u>minkejja</u> l-iffirmar tal-imsemmija skritturi ta' transazzjoni u <u>minkejja</u> l-fatt li tali skritturi kienu jispecifikaw il-metodu u z-zmien *entro* liema kellu jsir il-hlas relattiv, il-konjugi Azzopardi baqghu nadempjenti u dan anke wara diversi nterpellazzjonijiet. Billi rrizulta li l-attur kellu hafna djun ta' natura kummercjali ma' diversi entitjaiet u persuni f'Malta u billi kien car li l-attur ma setax, jew ma riedx, jonora l-obbligazzjonijiet tieghu, l-esponent flimkien ma' martu llum mejta Victoria Bonello, kellu jistitwixxi proceduri ghall-falliment tal-atturi konjugi Azzopardi, liema rikors (Rikors Nru 655/2005) gie prezentat nhar it-8 ta' Lulju, 2005 u ghadu pendenti quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili. L-imsemmija proceduri ta' falliment jinsabu qrib il-konkluzjoni taghhom u fil-fatt il-kawza tinsab kurrentement differita ghas-sentenza.

4. Illi ftit wara illi l-esponent (flimkien ma' martu) intavola l-proceduri surreferiti ghall-falliment tal-konjugi Azzopardi, dawn ta' l-ahhar istitwew proceduri kontra l-esponenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (Rikors Guramentat Nru 73/2005) nhar is-16 ta' Awissu, 2005. Permezz ta' dik il-kawza l-konjugi Azzopardi ressqu quddiem dik l-Onorabbli Qorti s-segwenti talbiet :

   *1. Tiddikjara illi silef lill-attur Ronald Azzopardi f'diversi okkazjonijiet kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta.*

   *2. Tiddikjara illi b'dan is-self f'okkazjonijiet diversi ghamilt negozju ta' istituzzjoni finanzjarja minghajr licenzja mehtieg skont il-ligi u dan kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta.*

   *3. Tiddikjara ghalhekk illi l-imsemmi self kif rifless fl-iskrittura privata fuq tat-2 ta' Lulju, 2004 hi nulla u bla effett stante li ghandha kawza llecita u ghalhekk hi nulla u bla effett l-istess skrittura.*

   *4. Subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess f'kaz illi t-talbiet precedenti ma jigux milqugha, tiddikjara u tillikwida dawk l-ammonti dovuti mill-attur lill-konvenut bhala self fl-imsemmija skrittura precendenti jikkomprendu fihom imghax oltre fil-mija (8%) kif ukoll imghax fuq imghax fuq imghax kontra d-disposizzjonijiet tal-ligi u cioe' imghax li ma jistax jintalab mill-konvenut peress illi jmur oltre dak permissibbli mil-ligi.*

*5. Konsegwentement ghar-raba' talba, tirriduci l-ammont indikat bhala dovut mill-atturi lill-konvenut fl-imsemmija kuntratti b'dak l-ammont li dina l-Qorti tillikwida bhala rapprezentati uzura.*

*6. Tiddikjara kompletament nulla u bla effett l-iskrittura l-ohra bejn l-attur u l-konvenut datata 2 ta' Lulju, 2004, prevja jekk hemm bzonn dikjarazzjoni li l-kunsens tal-attur kien ottenut bi vjolenza u fi kwalunkwe kaz li l-ammont imsemmi fiha qatt ma gie avvanzat mill-konvenut lill-attur u ma hemm ebda kawzali ohra sottostanti l-istess skrittura.*

5. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri ddecidiet il-kawza surreferita billi cahdet l-ewwel hames talbiet u laqghet is-sitt talba billi ddikjarat it-tieni skrittura nulla u ddikjarat li s-somma ta' mija u wiehed u hamsin elf erba' mija u disgha euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€151,409.27) li tissemma f'dik l-iskrittura m'hijiex dovuta lill-konjugi Bonello (ara kopja tas-sentenza ta' nhar it-3 ta' Marzu, 2009 hawn annessa u mmarkata Dok 'FB2').

6. Illi ghalhekk dik-l-Onorabbli ddecidiet illi l-ewwel skrittura ma kinitx kolpita b'nullita' u ghalhekk l-ammont hemm dikjarat bhala dovut jinsab attwalment dovut lill-konjugi Bonello.

7. Illi l-imsemmija sentenza tal- Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri tat-3 ta' Marzu, 2009 eventwalment giet konfermata fl-istadju tal-appell (ara kopja tas-sentenza ta' nhar it-3 ta' Frar, 2012 hawn annessa u mmarkata Dok 'FB3').

8. Illi ftit tax-xhur biss wara d-decizjoni finali fil-proceduri surreferiti permezz ta' liema l-konjugi Azzopardi ppruvaw jevitaw l-obbligi taghhom skont l-iskritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju, 2004 huma regghu ghamlu tentattiv iehor u bdew proceduri ulterjuri (Rikors Guramentat Nru 50/2009) fejn ghal darb'ohra ttentaw illi jitolbu lill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri tiddikjara n-nullita' tal-iskritturi. Huma ressqu s-segwenti talbiet:

1. *Tiddikjara illi z-zewg skritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, saru bl-eghmil doluz u/jew bil-vjolenza tal-konvenuti konjugi Bonello u dan a tenur ta' Artikolu 1730 (2) tal-Kodici Civili.*

2. *Konsegwentement tordna r-rexissjoni tal-iskritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew ta' liema minnhom, u dan tenur ta' Artikolu 1730 (2) tal-Kodici Civili.*

3. *Subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, tiddikjara illi l-iskritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, ma sarux biss fuq l-oggett tal-kwistjoni li fuqha l-partijiet kontendenti kellhom il-hsieb li jittransigu, ossija unikament fuq is-self li kien sar mill-konvenuti lill-atturi.*

4. *Konsegwentement tordna r-rexissjoni ta' z- zewg skritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew ta' liema minnhom, u dan a tenur ta' Artikoli 1725 u/jew 1730 (1) tal-Kodici Civili.*

5. *Subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suepost, tiddikjara illi z-zewg skritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, huma kolpiti bi zball dwar il-persuna li maghha sar il-ftehim, billi ma huwiex minnu illi l-attrici tat il-kunsens taghha jew awtorizzat lill-attur l-iehor sabiex jaghti l-kunsens fuq l-iskritturi ta' transazzjoni.*

6. *Konsegwentement tordna r-rexissjoni taz- zewg skritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew ta' liema minnhom, u dan a tenur ta' Artikolu 1730 (1) tal-Kodici Civili.*

7. *Subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, tiddikjara illi l-iskritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, saru wkoll fuq pretensjonijiet tal-konvenuti konjugi Bonello illi huma foloz u li ma kellhom ebda jedd fuqhom fil-konfront tal-atturi.*

8. *Konsegwentement tordna u tiddikjara illi l- iskritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, huma nulli u bla ebda effett bejn il-partijiet kontendenti.*

9. *Subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u f'kaz biss illi t-talbiet precedenti ma jigux milqugha minn dina l-Onorabbli Qorti, tillikwida dak l-ammont realment dovut mill-attur lill-konvenuti konjugi Bonello u dan wara li jsiru d-debiti tiswijiet ta' l-izbalji li saru fil-*

*kalkolu li twassal ghall-ammont iddikjarat fl-istess imsemmija skritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, u dan a tenur ta' Artikolu 1735 tal-Kodici Civili.*

9. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fis-sentenza taghha ta' nhar il-11 ta' Gunju, 2010 rigward l-ewwel skrittura tat-2 ta' Lulju, 2004 iddikjarat illi :

*M'hemmx dubju li fir-rigward tal-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 li permezz taghha Azzopardi ddikjara li hu debitur ta' Bonello fis-somma ta' Lm65,000 (€151,409.27), il-meritu hu ezawrit. Fis-sentenza li nghatat fit-3 ta' Marzu 2009 din il-qorti ddikjarat li dan il-hlas m'huwiex dovut mill-konjugi Azzopardi, u tat ir-ragunijiet ghalfejn. … **Ifisser li dwar l-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 jezisti gudikat**. Il-qorti ma tifhimx ghalfejn f'dawn ic-cirkostanzi l-atturi nkludew din l-iskrittura fit-talbiet taghhom.*

Dik l-Onorabbli Qorti kompliet billi nnotat il-konnessjoni bejn il-kawza bin-numru 50/2009 u dik bin-numru 73/2005 meta ddikjarat illi :

*M'hemmx dubju li permezz ta' din it-tieni kawza l-attur qieghed jipprova jottjeni dak li ma s'issa m'ottjenix bl-ewwel kawza, ghal ragunijiet ohra li ma ssemmewx fl-ewwel kawza.*

Intant dik l-istess Qorti ddecidiet il-kawza surreferita billi cahdet it-talbiet kollha tal-konjugi Azzopardi (ara kopja tas-sentenza ta' nhar il-11 ta' Gunju, 2010 hawn annessa u mmarkata Dok 'FB4').

10. Illi l-konjugi Azzopardi kienu appellaw mis-sentenza surreferita madanakollu huma naqsu milli jhallsu d-debita kawtela kif rikjest minnhom bil-ligi u intant l-appell taghhom gie dikjarat dezert skont il-provvediment tas-16 ta' Dicembru, 2013 (ara kopja tas-sentenza ta' nhar is-16 ta' Dicembru, 2013 hawn annessa u mmarkata Dok 'FB5').

11. Illi jirrizulta li diga hemm sentenzi finali tal-Qrati taghna fi proceduri bejn il-partijiet fis-sens li jghidu li l-ewwel skrittura ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju, 2004 hija valida u effettiva u li l-ammont hemm dikjarat huwa dovut lill-konjugi Bonello.

12. Illi minhabba f'hekk l-esponent flimkien ma' martu llum mejta Victoria Bonello intavola proceduri quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rikors Guramentat Nru 231/2012) fejn talbu lil dik l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konjugi Azzopardi ihallsu dak l-ammont li s-sentenzi su citati kienu diga' ddikjaraw illi huwa dovut. Din l-azzjoni kienet mehtiega billi ghalkemm kien hemm likwidazzjoni effettiva tal-ammont dovut lill-konjugi Bonello, fil-fatt ma kien hemm ebda kundanna ghall-hlas.

13. Illi jirrizulta bl-aktar mod car illi l-unika intenzjoni tal-konjugi Azzopardi wara din il-kawza hija li jiddelungaw kemm jista' jkun il-proceduri u dan f'tentattiv estrem sabiex jevitaw li jhallsu dak minnhom dovut.

14. Illi fil-fatt il-konjugi Azzopardi intavolaw rikors fl-atti tal-imsemmija kawza li tinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rikors Guramentat Nru 231/2012) fejn talbu l-prolazzjoni u s-sospensjoni tas-sentenza pendenti l-ezitu tal-prezenti kawza.

15. Illi ghal kull buon fini ghandu jinghad li l-fatti dikjarati mill-atturi fir-rikors guramentat taghhom huma kontestati mhux biss ghaliex inveritjeri u foloz imma iktar importantement ghaliex hemm sentenzi definittivi tal-Qrati Maltin li jaghmlu stat bejn il-partijiet u li jistabbilixxu fatti kompletament differenti.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-konvenut ressaq l-eccezzjonijiet segwenti:

1. Preliminarjament, il-mertu tal-kawza odjerna mhuwiex sindikabbli minn din il-Qorti jew minn kwalunkwe Qorti ohra stante illi huwa jinsab in gudikat u dan b'effett tas-sentenzi gia citati f'din ir-risposta kopja ta' liema huma hawn annessi. L-atturi Azzopardi jibbazaw it-talba taghhom ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' tal-ewwel skrittura ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju, 2004 (ghal darb ohra!) fuq l-allegazzjoni taghhom illi tali skrittura kienet nieqsa mill-kunsens tal-partijiet fuq l-oggett. Din hija l-istess talba li l-istess atturi pprezentaw fil-kawza bin-numru ta' referenza 50/2009 citati aktar 'il fuq (ara talbiet numru 3 u 4) u permezz ta' liema talbiet l-konjugi Azzopardi kienu talbu lil din l-istess Qorti sabiex tirrexxindi l-ewwel skrittura a bazi tal-

allegazzjoni taghhom illi ma kienx hemm qbil dwar l-oggett. Fil-fatt din il-kwistjoni identika diga giet deciza mill- Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri nhar l-11 ta' Gunju, 2010 u ghaddiet in gudikat meta l-appell mill-istess gie dikjarat dezert nhar is-16 ta' Dicembru, 2013. Huwa ghalhekk car illi dak mitlub mir-rikorrenti fil-kawza odjerna jikkostitwixxi *res judicata* u ma jistax jerga jinfetah b'din il-kawza.

2. Illi preliminarjament ukoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni odjerna hija fi kwalsijasi kaz preskritta bid-dekors tal-perjodu ta' sentejn (perjodu ta' dekadenza) a tenur tal-Artikolu 1222 tal-Kap 16. Huwa ben evidenti illi dan il-perjodu skada hafna zmien ilu. Ko-incidentament din kienet ukoll il-posizzjoni mehuda mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fis-sentenza taghha surreferita ta' nhar l-11 ta' Gunju, 2010 (pagna 11). Id-decizjoni dwar il-preskrizzjoni ukoll ghaddiet in gudikat.

3. Illi l-attrici Mariella Azzopardi hi prekluza milli tressaq din l-azzjoni billi hi ma agixxietx fit-terminu stabbilit biex tannulla l-iskritturi tat-2 ta' Lulju 2004 u in partikolari l-eccipjenti jissollevaw il-preskrizzjoni ta' tlett xhur min-notifika b'att giudizzjarju a tenur tal-artikolu 1326 tal-Kodici Civili.

4. Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost in-nuqqas ta' interess ta' Mariella Azzopardi billi din *se mai* kellha biss azzjoni ghar-rintegrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti (liema jedd ta' azzjoni intilftet meta tacitament irratifikat l-att ta' zewgha billi jirrizulta li giet debitament notifikata bic-citazzjoni 73/2005 fl-ismjiet *Ronald Azzopardi vs Francis Bonello et* hawn fuq citata) u fi kwalsiasi kaz il-kwistjoni tal-kunsens ta' Mariella Azzopardi hi *res inter alios acta* ghall-eccepjenti u ma tistax titqajjem fl-azzjoni odjerna stante illi Ronald Azzopardi huwa attur u mhux konvenut. B'hekk l-attrici Mariella Azzopardi m'ghandhiex interess fil-kawza odjerna.

5. Illi t-talba attrici ma tistax tigi milqugha billi fejn tezisti t-transazzjoni l-kwistjoni tkun determinata u tali transazzjoni tigi rispettata minn dawn l-Qrati billi ghandha l-effett ta' *res judicata*; kwindi a tenur tal-artikolu 1729(1) tal-Kodici Civili ma tistax tintalab likwidazzjoni ta' ammont gia stabbilit fi skrittura ta' transazzjoni u li tikkostitwixxi gudikat bejn il-partijiet.

6. Illi fil-mertu u assolutament minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra ghandu jinghad li ghandu jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet kienu jafu ezattament dwar x'hiex kienu qed jiftehmu meta fit-2 ta' Lulju, 2004 dahlu fi transazzjoni u li l-ftehim dakinhar milhuq huwa wiehed validu f'ghajnejn il-ligi. Fi kwalunkwe kaz anke jekk Ronald Azzopardi ghall-grazzja tal-argument haseb li kien qieghed jinnegozja biss dwar is-self u mhux dwar affarijiet ohra, il-fatt jibqa' li hu necessarjament accetta li hu kien issellef somma flus u kellu jrodd lura lill-esponenti s-somma pattwita fil-ftehim. Din l-accettazzjoni hija perfetta u effettiva u ghandha tigi rikonoxxuta (kif fil-fatt gia giet rikonoxxuta minn Qrati ohra) minn din il-Qorti.

7. Illi t-talba tar-rikorrenti hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ma hi xejn hlief tentattiv iehor li jtellef lill-intimat minn dak li haqqhu skont il-ligi;

8. lli ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat illi fil-mori l-partijiet ghazlu li ma jressqu l-ebda provi godda ghajr li talbu l-allegazzjoni ta' vera kopja tal-processi numri 73/2005, 655/2005, 231/2005 u 50/2009. Din il-Qorti laqghet it-talba ghall-prezentata tal-kopji ta' dawn l-atti li lkoll jikkonsistu f'kawzi bejn il-partijiet. Il-Qorti rat l-atti kollha ta' dawn il-kawzi annessi.

Jirrizulta illi l-kawza 73/2005 giet deciza mill-Ewwel Qorti nhar it-3 ta' Marzu, 2009 u konfermata fl-appell nhar it-3 ta' Frar, 2012 filwaqt li l-kawza numru 50/09 giet deciza mill-Ewwel Qorti nhar il-11 ta' Gunju, 2010 filwaqt li l-appell intavolat mill-attur odjern kien waqa' dezert u ghalhekk saret *res judicata* d-decizjoni tal-Ewwel Qorti. Iz-zewg kawzi l-ohra nfethu mill-konvenut odjern kontra l-atturi odjerni l-ewwel wahda ghad-dikjarazzjoi tal-falliment tal-attur odjern filwaqt li t-tieni wahda kienet tikkonsisti f'giljottina. Dawn iz-zewg kawzi jinsabu t-tnejn pendenti ghad-decizjoni.

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Novembru, 2015 wara l-eghluq tal-provi tal-partijiet l-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' lill-partijiet li jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

**Fatti:**

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li nhar it-2 ta' Lulju, 2004 il-partijiet kienu ffirmaw zewg skritturi ta' transazzjoni bejniethom u dan wara li l-konvenut odjern kien intavola mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-attur odjern u diversi kumpaniji li taghhom huwa azzjonarju u wara li fil-fatt il-partijiet dakinhar stess tat-2 ta' Lulju, 2004 kienu dehru quddiem il-Qorti ghas-smiegh tal-istess mandat fejn l-attur odjern anki ta x-xhieda tieghu dwar l-ammont li skont hu kien dovut minnu lill-konvenut Francis Bonello. Jirrizulta li dan l-ammont li kien dak ta' Lm220,000 kif xehed dwaru Ronald Azzopardi gie rifless f'wiehed mill-iskritturi datati 2 ta' Lulju, 2004 liema skrittura tinsab esebita a fol. 7 tal-process, dan kif konfermat ukoll fid-decizjoni 73/2005. Din l-iskrittura ghandha fuqha wkoll il-firem tal-avukati tal-partijiet kif ukoll tal-partijiet f'liema skrittura l-attur odjern u martu (rapprezentata minnu) ddikjaraw li kienu debituri tal-konvenut (u martu llum mejta) ghas-somma ta' Lm220,000. Fit-tieni skrittura li saret fl-istess gurnata li izda jidher li saret f'hin aktar tard u biss fil-presenza tal-Avukat Dr. Alfred Grech esebita a fol. 9 tal-process Ronald Azzopardi wahdu ddikjara ruhu debitur tal-konvenut odjern ghas-somma ta' Lm65,000.

L-ewwel kawza li jirrizulta lil din il-Qorti li nfethet bejn il-partijiet kienet fl-ismijiet "Francis u Victoria konjugi Bonello vs. Ronald Azzopardi u martu Mariella Azzopardi" datata 8 ta' Lulju, 2005 fejn il-konvenut odjern flimkien ma' martu (llum mejta) kienu fethu fil-Qorti kawza ghad-dikjarazzjoni tal-falliment ta' l-attur odjern. Din il-kawza li ggib in-numru 655/05 ghadha pendenti u tinsab differita ghad-decizjoni.

Wara l-intavolar tal-kawza ta' falliment kien imiss lill-attur odjern li permezz tal-kawza numru 73/2005 ipprezentata nhar is-16 ta' Awissu,

2005 ittanta jattakka l-validita' taz-zewg skritturi hawn fuq imsemmija ghal bosta ragunijiet kif gia kkwotati aktar 'il fuq f'din id-decizjoni firrisposta tal-istess konvenut odjern. Din il-kawza li giet deciza fit-3 ta' Marzu, 2009 mill-Ewwel Qorti u konfermata fl-Appell fit-3 ta' Frar, 2012 giet deciza fis-sens li gew michuda t-talbiet fir-rigward tal-ewwel skrittura rapprezentanti s-somma ta' Lm 220,000 izda fir-rigward tattieni skrittura gie dikjarat kif isegwi:

*'3. Tichad ir-raba' eccezzjoni u tilqa' s-sitt talba u tiddikjara li s-somma ta' mija u wiehed u hamsin elf erba' mija u disa' euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€151,409.27) li tissemma' fid-dokument a fol. 10 m'hijiex dovuta lill-konvenuti konjugi Bonello.'*

Pendenti l-appell ta' Azzopardi mid-decizjoni hawn fuq imsemmija liema appell kien jikkoncerna unikament id-decizjoni dwar l-ewwel skrittura ghas-somma ta' Lm220,000 u mhux l-iskrittura l-ohra giet prezentata kawza ohra mill-konjugi Azzopardi bin-numru 50/2009 datata 11 ta' Gunju, 2009 fejn ghal darb'ohra saru diversi talbiet sabiex tigi attakkata l-validita' taz-zewg skritturi msemmija. Fir-rigward taliskrittura ghas-somma ta' Lm65,000 l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha tal-11 ta' Gunju, 2010 korrettement iddikjarat li gia kien jezisti gudikat tramite d-decizjoni tal-Ewwel Qorti fil-kawza 73/2005 stante li dik ilparti tad-decizjoni ma kinitx giet appellata mill-ebda parti. Fir-rigward tal-ewwel skrittura relatata mas-somma ta' Lm220,000 permezz tal-istess decizjoni datata 11 ta' Gunju, 2010 dik l-Onorabbli Qorti ghogobha tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konjugi Bonello u cahdet it-talbiet attrici. Ghalkemm din id-decizjoni giet appellata jirrizulta li l-appell waqa' dezert.

Fit-2 ta' Marzu, 2012 giet prezentata kawza ohra f'forma ta' giljottina flismijiet "Francis Bonello vs. Ronald Azzopardi u Mariella Azzopardi2 li ggib in-numru 23/2012 fejn intalab li l-atturi odjerni jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' Lm220,000 relattiva ghall-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004. Din il-kawza ukoll ghadha pendenti u tinsab differita ghaddecizjoni.

Finalment jirrizulta li fis-27 ta' Awissu, 2014 giet prezentata l-kawza odjerna fejn wara li fil-premessi gew ripetuti l-bosta fatti esposti diversi drabi fil-kawzi precedenti tressqet talba wahda biss kif isegwi:

*'Tiddikjara illi l-ewwel skrittura ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004 hija kolpita min-nullita' radikali, u konsegwentement kienet ab inito nulla u minghajr effett, ghaliex hija nieqsa mill-element l-aktar essenzjali, ossija mill-kunsens tal-partijiet fuq l-oggett tal-ftehim (error in corpore).'*

Ghal din it-talba l-konvenut odjern ressaq bosta eccezzjonijiet kif gia esposti aktar 'il fuq izda bl-ewwel wahda tkun dik tar-'*res judicata*' kif isegwi:

'Preliminarjament, il-mertu tal-kawza odjerna mhuwiex sindikabbli minn din il-Qorti jew minn kwalunkwe Qorti ohra stante illi huwa jinsab in gudikat u dan b'effett tas-sentenzi gia citati f'din ir-risposta kopja ta' liema huma hawn annessi. L-atturi Azzopardi jibbazaw it-talba taghhom ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' tal-ewwel skrittura ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju, 2004 (ghal darb ohra!) fuq l-allegazzjoni taghhom illi tali skrittura kienet nieqsa mill-kunsens tal-partijiet fuq l-oggett. Din hija l-istess talba li l-istess atturi pprezentaw fil-kawza bin-numru ta' referenza 50/2009 citati aktar 'il fuq (ara talbiet numru 3 u 4) u permezz ta' liema talbiet l-konjugi Azzopardi kienu talbu lil din l-istess Qorti sabiex tirrexxindi l-ewwel skrittura a bazi tal-allegazzjoni taghhom illi ma kienx hemm qbil dwar l-oggett. Fil-fatt din il-kwistjoni identika diga' giet deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri nhar l-11 ta' Gunju, 2010 u ghaddiet in gudikat meta l-appell mill-istess gie dikjarat dezert nhar is-16 ta' Dicembru, 2013. Huwa ghalhekk car illi dak mitlub mir-rikorrenti fil-kawza odjerna jikkostitwixxi *res judicata* u ma jistax jerga' jinfetah b'din il-kawza.'

Il-pern tal-kawza kollha huwa li l-atturi qed isostnu li meta saret l-iskrittura tat-2 ta' Lulju, 2004 huma kien min ghalihom li qed isolvu l-pendenza fir-rigward tas-self 'biss u mhux ta' pretensjonijiet ohra (fi kliem l-atturi infondati) li kellu l-konvenut Bonello fil-konfront taghhom. Isostnu ghalhekk li la darba fl-iskrittura gie mnizzel li kien hemm self 'brevi manu' allura l-oggett kien biss dan is-self u la darba l-konvenut Bonello kien qed jintendi li jsolvi wkoll il-pendenzi l-ohra rigward pretensjonijiet ohra li kellu allura kien hemm zball da parti tal-atturi dwar l-oggett tal-ftehim fl-iskrittura tat-2 ta' Lulju, 2004. Ghandu jinghad li rrizulta ampju lil din il-Qorti mill-atti li l-attur Ronald Azzopardi certament kien jaf bil-pretensonijiet tal-konvenut Bonello u li dawn ma kienux jinkludu biss is-self 'brevi manu' mid-decizjoni fil-kawza bin-numru 73/2005 deciza nhar it-3 ta' Marzu, 2009 u anki qabel

u dan kif jikkonferma hu stess fix-xhieda tieghu a fol. 297 tal-process odjern izda moghtija fil-process bin-numru 50/2009 kif isegwi:

'Nikkonferma illi kien fl-istadju tal-kawza numru 73/05 li Francis Bonello tani r-rendikont. Din kienet l-ewwel darba li jien nghatajt rendikont minn Bonello tal-flus li kien jippretendi li jithallas. Kien wara illi Francis Bonello, fis-sittax (16) ta' April elfejn u sebgha (2007) ipprezenta r-rendikont li kienet ordnatlu l-Qorti illi jiena min-naha tieghi bdejt naghmel il-verifiki tieghi.'

Huwa diskutibbli jekk l-attur kienx jaf b'dawn il-pretensjonijiet dakinhar tal-iffirmar tal-iskrittura u fil-fatt dak li qed jigi kontestat f'din il-kawza.

Stante izda li fuq l-ezitu ta' din l-ewwel eccezzjoni cioe' dik tar-'*res judicata*' jiddependi jekk din il-Qorti tkomplix tgharbel aktar il-mertu tat-talba u tal-eccezzjonijiet l-ohra l-Qorti ser tghaddi sabiex fl-ewwel lok tikkunsidra u tiddeciedi din l-eccezzjoni.

**L-eccezzjoni tar-Res Judicata:**

Illi huwa ben stabbilit li sabiex din il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni jridu jikkonkorru tliet elementi u cioe' dawk definiti bhala l-"*eadem causa petendi, eadem personam u eadem res*" u dan ifisser li sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li ghandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-gudikat ta' sentenza ohra, jehtieg illi jirrizulta illi fil-fatt fiz-zewg kawzi hemm l-istess partijiet, l-istess oggett u l-istess natura tal-kawza jew kawzali. Fin-nuqqas li jikkonkorru t-tliet elementi ma jkunx jista' jinghad li l-haga hija l-istess - *nisi omnia concurrunt, alia res est*.

Illi huwa mportanti li jinghad li dwar il-kuncett purament civili ta' *res judicata* kif sancit fl-**artikolu 730 tal-Kap.12** l-eccezzjoni tar-*res judicata* ghandha dejjem tigi deciza b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ggib in-nullita' tas-sentenza[1].

[1] **Paolo Azzopardi vs Paolo Abela noe** A.K. deciza fl-10 ta' Dicembru 1954; **Salvina Pullicino et vs Carmel Busuttil** P.A. RCP deciza fis- 26 ta' Gunju 2008.

Illi fis-sentenza **Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et**[2] intqal li:-

*"Eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt izda hi wahda ta' natura prettament guridika. Huwa importanti pero', u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-gurisprudenza stabbilita in materja izda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedenti ……….."*

*"Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni ohra tigi ribadita l-enuncazzjoni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet* ***'Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et',*** *Appell Kummerc, 5 ta' Novembru 1934":-.*

*"Illi dan peress "exceptio rei judicatae" ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex "interest rei publicae ut sit finis litiu". Sentenza li ghaddiet "in giudicatio", jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma tajba u sewwa u tal-haqq - "res judicata pro veritate habetur" – jigifieri l-fundament tal-"actio" u tal-"exceptio judicat"' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija "strictissimae interpretationis".*

Illi, kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibbilta' ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibbilta' ta' kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat; minhabba fil-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta' interpretazzjoni stretta, tant li, f'kaz ta' dubju, il-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni.

[2] Cit Nru: 1792/1999PS deciza fit-28 ta' Marzu 2003

Illi, min-naha l-ohra, dan il-principju huwa bilancjat b'dak l-iehor daqstant importanti li, fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma tistax issir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-sentenza. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga' jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza.

Illi ghalhekk isegwi li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat mal-ezistenza ta' sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jsiru u li jwasslu ghal dik is-sentenza; fuq dan il-punt inghad diversi drabi li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-*causa petendi* fit-tieni provvediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.

Illi min-naha l-ohra fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Borg et vs Anthony Willoughby et** gie ritenut li sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat[3]. Dan ifisser li l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta *si tratta* minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet 'effettivament' deciza bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setghet tigi

[3] Vide **Caterina Gerada vs Av Dr Antonio Caruana,** App Civ deciza fis-7 ta' Marzu 1958.

deciza[4]. Infatti huwa maghruf li *"nel dubbio il giudice non deve prepondere per la cosa giudicata."*[5]

Illi ghal dak li jirrigwarda l-*eadem res,* fis-sentenza **Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited**[6] gie kkonfermat li din ghandha *"tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat".*

Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija ghalhekk cara u fis-sens li sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita' mhix ostaklu ghal talba gdida ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.

Illi ghar-rigward tal-*eadem causa petendi,* din il-kondizzjoni tirrikjedi li *"the cause of the claim"* kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi l-***Prof. Caruana Galizia*** f'**"Notes on Civil Law"** (Pt.IV p.1428) spjega li l-*causa petendi* hi *"the title on which the demand is based".* Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioe', il-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuti fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

---

[4] Vide **Caterina Gerada vs Av Dr Antonio Caruana,** App Civ deciza fis-7 ta' Marzu 1958.

[5] Vol. XXIX.i.1155

[6] Cit Nru 1209/00RCP deciza fid-9 ta' Jannar 2002

Illi dwar l-*eadem personae,* fis-sentenza fl-ismijiet "**Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia**[7]" il-Qorti qalet li *"biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg… li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni…"* Illi pero' dan ma jfissirx li *"l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna taghhom li ma kinitx verament necessarja mill-aspett legali"*[8].

Illi fil-kaz odjern il-konvenut Bonello fl-eccezzjoni tieghu jaghmel referenza ghad-decizjonijiet gia moghtija bejn il-partijiet fil-fatt fl-eccezzjoni jintuza l-kliem 'u dan b'effett tas-sentenzi gia citati f'din ir-risposta' u cioe' id-decizjonijiet fil-kawza numru 73/2005 u 50/2009 li effettivament gew citati fir-risposta tal-konvenut. Fl-istess eccezzjoni izda jghaddi sabiex jelabora aktar fuq dak mitlub fil-kawza numru 50/2009 u jaghmel ukoll referenza specifika ghal uhud mit-talbiet. Fis-sottomissjonijiet tieghu l-konvenut Bonello jelabora aktar fuq din l-eccezzjoni u jsostni li principalment ir-*res judicata* tohrog minn dak deciz mill-Ewwel Qorti fil-kawza numru 50/2009 u dan b'referenza partikolari ghat-tielet, ir-raba', is-seba' u t-tmien talbiet liema talbiet gew ilkoll michuda fl-istess decizjoni wara li f'dak il-kuntest il-Qorti kienet laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Bonello li kienet teccepixxi li l-azzjoni tal-konjugi Azzopardi kienet preskritta bid-dekors tal-perjodu ta' sentejn (perjodu ta' dekadenza) a tenur tal-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili.

Illi t-talbiet fil-kawza 50/2009 li din il-Qorti tqis li huma rilevanti ghal din l-eccezzjoni in kwistjoni ghalkemm gia riprodotti aktar 'il fuq qed jergghu jigu riprodotti f'dan l-istadju u maqsuma fi tnejn kif isegwi:

Mill-ewwel sar-raba' talba stante li huma konsegwenzjali ghal xulxin u separati mill-bqija tat-talbiet:

[7] PA deciza fit-13 ta' Frar 1958, Vol XLII.ii.917

[8] Vide **Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et,** App Civ deciza fit-2 ta' Lulju 1996, Vol LXXX.ii.804

3. *Subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, tiddikjara illi l-iskritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, ma sarux biss fuq l-oggett tal-kwistjoni li fuqha l-partijiet kontendenti kellhom il-hsieb li jittransigu, ossija unikament fuq is-self li kien sar mill-konvenuti lill-atturi.'*

4. *Konsegwentement tordna r-rexissjoni taz- zewg skritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew ta' liema minnhom, u dan a tenur ta' Artikoli 1725 u/jew 1730 (1) tal-Kodici Civili'.*

Is-seba' u t-tmien talba ghall-istess raguni li huma separati mill-bqija tat-talbiet izda konsegwenzjali ghal xulxin:

7. *Subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, tiddikjara illi l-iskritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, saru wkoll fuq pretensjonijiet tal-konvenuti konjugi Bonello illi huma foloz u li ma kellhom ebda jedd fuqhom fil-konfront tal-atturi.*

8. *Konsegwentement tordna u tiddikjara illi l- iskritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, huma nulli u bla ebda effett bejn il-partijiet kontendenti.'*

Illi fis-sottomissjonijiet tieghu l-attur odjern Azzopardi jsostni li din l-eccezzjoni da parti tal-konvenut ma tistax tirnexxi stante li jargumenta li filwaqt li fit-talbiet tieghu fil-kawza 50/2009 huwa kien qed jitlob li skrittura li ghall-bidu kienet valida tigi rexissa jew dikjarata nulla fil-kaz odjern huwa qed isostni li minhabba li skont hu l-kunsens tieghu nghata fuq oggett divers minn dak li gie mnizzel fl-iskrittura allura n-nullita' tal-iskrittura kienet *ab inizio* stante li nieqsa mill-element l-aktar essenzjali u cioe' 'l-kunsens tal-partijiet fuq l-oggett tal-ftehim (*errore in corpore*). (ara talba fir-rikors guramentat)

L-attur odjern isostni wkoll li dak li qed jitlob hu fil-kawza odjerna stante li jitratta n-nullita' *ab inizio* allura dan ma hu suggett ghall-ebda dekors ta' preskrizzjoni jew dekadenza ghall-kuntrarju, skont dejjem l-attur Azzopardi, ghat-talbiet tieghu u dak deciz fil-kawza 50/2009.

Apparti s-suespost, l-attur isostni wkoll li l-konvenut Bonello illimita l-eccezzjoni tieghu tar-'*res judicata*; ghat-tieni u t-tielet talba fil-kawza 50/2009 u ghalhekk dejjem skont l-istess attur din il-Qorti ma tistax tindaga r-'*res judicata*' fir-rigward tat-talbiet l-ohra fil-kawza 50/2009 li effettivament gew decizi. Din il-Qorti tista' tiddikjara mill-ewwel li ma taqbilx assolutament ma' din is-sottomissjoni. Kif gia nghad aktar 'il fuq l-ewwel sentenza tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut taghmel referenza ghad-decizjonijiet kollha 'gia citati' fir-risposta li bla ombra ta' dubju huma d-decizjonijiet fil-kawzi 73/2005 u 50/2009. Ghalhekk huwa car li l-eccezzjoni tar-'*res judicata*' mqajjma mill-konvenut hija ferm aktar wiesgha mit-tieni u t-tielet talba li gew imsemmija aktar 'il isfel fl-istess eccezzjoni kif qed jipprova jaghti x'jifhem l-attur ghax hekk jaqbillu. Dan jaghmilha cara f'mohh din il-Qorti li zgur li ma kinitx l-intenzjoni tal-konvenut li l-eccezzjoni tieghu tigi limitata ghal xi talba partikolari tal-kawza 50/2009, dan dejjem apparti l-fatt li l-ewwel sentenza tal-eccezzjoni taghmel referenza ghad-decizjonijiet 'gia citati' u mhux ghal xi talbiet partikolari. Il-Qorti izda wara li gharblet it-talbiet fil-kawza 73/2005 u dak deciz f'dik il-kawza ma tqisx li din b'xi mod tista' tikkostitwixxi l-elementi tar-'*res judicata*' eccepiti mill-konvenut tant li anki l-istess konvenut ma jinsistix fuq din id-decizjoni fis-sottomissjonijiet tieghu izda fuq dak mitlub u deciz fil-kawza numru 50/2009. Ghalhekk il-Qorti ser tkompli l-ezami taghha fir-rigward ta' din l-eccezzjoni b'referenza ghall-kawza numru 50/2009.

Illi b'referenza ghar-rekwiziti tar-'*res judicata*' citati aktar 'il fuq u cioe' dwar l-ewwel r-rekwizit ta' l-*eadem personae* jirrizulta li fil-kawza 50/2009 il-partijiet kienu Ronald Azzopardi u Mariella Azzopardi bhala atturi filwaqt li bhala konvenuti kien hemm Francis Bonello u martu Victoria Bonello fejn izda din tal-ahhar mietet u konsegwentement Francis Bonello assuma l-atti kollha f'isimha bhala eredi taghha. Fil-kawza odjerna l-atturi huma fil-fatt Ronald Azzopardi u Mariella Azzopardi filwaqt li l-konvenut huwa wiehed uniku cioe' Francis Bonello li izda kif inghad f'dan l-istadju jirrapprezenta kemm l-interessi tieghu personali kif ukoll dawk ta' martu mejta bhala eredi taghha.

Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li l-ewwel rekwizit tal-*eadem personae* huwa sodisfatt stante li l-partijiet fil-kawza huma l-istess.

Illi l-Qorti tqis ukoll l-element tal-*eadem res* f'din il-kawza huwa wkoll sodisfatt stante li z-zewg kawzi jikkoncernaw l-istess skrittura u cioe' dik relatata mas-somma ta' Lm220,000 datata 2 ta' Lulju, 2004 esebita fol. 7 tal-process odjern.

Illi jibqa' li jigi deciz jekk ir-rekwizit tal-*eadem causa petendi* jissusistix ukoll f'din il-kawza. Jirrizulta li fil-kawza odjerna l-'*causa petendi*' hija deskritta mill-atturi bhala 'n-nullita' radikali' u allura '*ab initio*' tal-iskrittura msemmija stante zball fl-oggett tal-ftehim ghaliex skont l-attur kellu jkun biss is-self 'brevi manu' filwaqt li dejjem skont l-attur il-konvenut Bonello inkluda pretensjonijiet ohra dwar flus dovuti lilu. L-atturi jsostnu li din hija differenti minn dik fil-kawza 50/2009 ghaliex skont huma f'dik il-kawza ma kienx qed jigi attakkat il-validita' *ab inizio* tal-iskrittura izda biss kien qed jintalab in-nullita' konsegwenzjali jew ir-rexissjoni tal-istess ghall-istess raguni dwar l-izball fl-oggett tal-ftehim tant illi skont l-istess atturi, ghat-talba odjerna, lanqas jista' jinghad li jezisti xi perjodu ta' preskrizzjoni jew dekadenza ghall-istess. Il-konvenut Bonello ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni stante li jargumenta fis-sottomissjonijiet tieghu li fir-rigward tat-talbiet tlieta u erbgha fil-kawza 50/2009 dawn neccessarjament kienu jirrikjedu d-dikjarazzjoni tan-nullita' qabel l-ordni ghar-rexxissjoni filwaqt li aktar u aktar fis-seba' u tmien talbiet hija appuntu n-nullita' tal-iskrittura li qed tintalab fuq l-istess bazi wzata mill-attur fir-rikors odjern u cioe' l-izball fuq l-oggett tal-ftehim.

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-konvenut. Il-Qorti tqis li anki li kieku wiehed kellu jeskludi mill-ewwel sar-raba' talba tal-kawza 50/2009 ghall-fini tar-*res judicata* stante li fil-fatt dawn qed jitolbu r-rexxissjoni tal-iskrittura in kwisjtoni, huwa car daqs il-kristall li fis-seba' u tmien talba taghhom fil-kawza 50/2009 l-atturi ressqu l-istess talba bhal dik odjerna u cioe' t-talba ghan-nullita' tal-iskrittura in kwistjoni.

Il-Qorti tqis li mhux bizzejjed li l-atturi jippruvaw idawru l-kliem tat-talba kif sar fil-kawza odjerna sabiex din tirrizulta f'talba diversa minn dik fil-kawza 50/2009. Anzi l-Qorti ssostni li l-intenzjoni tal-atturi odjerna harget aktar cara fis-sottomissjonijiet taghhom fejn jirrizulta li dak li ma qablux mieghu l-atturi fid-decizjoni 50/2009 huwa li ghat-talba tan-nullita' ma kellux, skont huma, japplika l-ebda perjodu ta' preskrizzjoni jew dekadenza u qed jitolbu li din il-Qorti terga tidhol f'dan il-punt u tvarja d-decizjoni tal-Qorti li tmur lura ghall-11 ta' Gunju, 2010 u li llum tikkonstitwixxi *'res judicata'* bejn il-partijiet. Dan izda din il-Qorti ma tistax taghmlu. La darba l-atturi ma qablux ma' dik id-decizjoni, ir-rimedju taghhom kien li jappellaw minnha kif fil-fatt ghamlu izda volonta' taghhom stess hallew l-appell jaqa' dezert. F'dan l-istadju u cioe' aktar minn erba' snin wara l-atturi ma jistghux jippretendu li din il-Qorti terga' tiftah dak il-punt li gia huwa gudikat bejn il-partijiet bl-isperanza li din il-Qorti possibbilment tasal ghal gudizzju divers u jigri appuntu dak li l-istitut tar-*'res judicata'* huwa intiz li jevita u cioe' li jkun hemm gudizzji konfliggenti fuq l-istess mertu u ghalhekk din il-Qorti ma tkunx qed thares ic-certezza tal-jeddijiet li gew definiti f'sentenza bejn il-partijiet. Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li anki dan it-tielet element tal-*'eadem causa petendi'* huwa sodisfatt.

Din il-Qorti tinsab moralment konvinta li din il-kawza giet intavolata mil-atturi unikament sabiex jirbhu aktar zmien u jtawlu l-proceduri bejn il-partijiet in vista li z-zewg kawzi l-ohra taghhom kienu differiti ghad-decizjoni (u dan huwa wkoll msahhah mill-fatt li talbu li l-kawzi l-ohra jieqfu pendenti din il-kawza) u dan biex ma jigux ordnati jhallsu dak dovut minnhom u mhux ghaliex verament kienu jemmnu li kellhom raguni fil-ligi sabiex jintavolaw l-istess.

Stante li in vista tas-suespost, jirrizulta li l-elementi kollha neccessarji sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-*res judicata* mqajjma mill-konvenut huma sodisfatti din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u konsegwentement tichad it-talba' attrici.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u stante li gia jezisti gudikat fuq l-istess mertu bejn il-partijiet, tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur